IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2021
COM(2021) 245 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

L-implimentazzjoni u l-aħjar prattiki tal-politiki tal-akkwist nazzjonali fis-Suq Intern

Werrej

1. Introduzzjoni 2

2. Sommarju tar-rapporti ta' monitoraġġ tal-Istati Membri 2

2.1. Indikaturi kwantitattivi ewlenin – in-numru u l-valur tal-akkwist 2

2.2. L-aktar sorsi frekwenti ta' applikazzjoni ħażina jew ta' inċertezza tad-dritt 5

2.3. Frodi, korruzzjoni, kunflitt ta' interess u irregolaritajiet serji 6

2.4. Parteċipazzjoni tal-SMEs 8

2.5. Implimentazzjoni prattika tal-akkwist strateġiku nazzjonali 8

2.5.1. Akkwist pubbliku ekoloġiku 9

2.5.2. Akkwist pubbliku soċjalment responsabbli 10

2.5.3. Akkwist pubbliku innovattiv 11

3. Konklużjonijiet ġenerali 12

1. INTRODUZZJONI

Dan id-dokument jirrifletti l-kontributi li l-Istati Membri ppreżentaw matul l-ewwel eżerċizzju ta' rapportar u ta' monitoraġġ skont l-Artikoli 83 u 85 tad-Direttiva 2014/24/UE dwar l-akkwist pubbliku, l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/23/UE dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni, kif ukoll l-Artikoli 99 u 101 tad-Direttiva 2014/25/UE dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (minn hawn 'il quddiem "l-obbligu ta' rapportar" jew "l-eżerċizzju ta' rapportar").

Minħabba d-dewmien fit-traspożizzjoni tad-Direttivi, l-ewwel implimentazzjoni tal-obbligu ta' rapportar saret fl-2018. Konsegwentement, ir-rapporti fil-prinċipju koprew il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2017 u l-31 ta' Diċembru 2017[1] (anki jekk Stat Membru ttraspona d-Direttivi wara l-1 ta' Jannar 2017), skont id-disponibbiltà tad-*data*.

Fil-kuntest tal-obbligi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni rċeviet 27 rapport: 26 mill-Istati Membri tal-UE[2] u wieħed min-Norveġja, bħala membru taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Ir-rapporti oriġinali kif sottomessi mill-Istati Membri huma disponibbli fl-indirizz li ġej:

https://ec.europa.eu/growth/single-market/public-procurement/country-reports_mt.

2. SOMMARJU TAR-RAPPORTI TA' MONITORAĠĠ TAL-ISTATI MEMBRI

Bħala osservazzjoni ġenerali, l-informazzjoni kwalitattiva pprevaliet fuq id-*data* kwantitattiva fir-rapporti kollha riċevuti. Madankollu, l-inkompletezza ta' din tal-aħħar limitat il-possibbiltajiet għal aggregazzjoni komprensiva u/jew għall-komparabbiltà tad-*data* disponibbli fil-livell tal-UE.

2.1. Indikaturi kwantitattivi ewlenin – in-numru u l-valur tal-akkwist

L-indikaturi kwantitattivi huma indispensabbli biex jiġi ddefinit is-suq tal-akkwist. L-Istati Membri semmew diversi problemi li ħabbtu wiċċhom magħhom matul it-twettiq ta' dan l-eżerċizzju ta' rapportar, eż. *data* tal-input parzjali jew nieqsa[3] jew nuqqas ta' tali *data*[4] eċċ. Il-kompitu nnifsu jidher li kien diffiċli u uża ħafna riżorsi, sal-punt li xi Stati Membri ddeċidew li jfittxu assistenza supplimentari f'dan ir-rigward.

---

1 Xi Stati Membri ppreżentaw rapporti li jkopru perjodu differenti, skont liema informazzjoni kienet disponibbli għalihom.

2 Ma ġie ppreżentat l-ebda rapport mir-Renju Unit u l-Awstrija.

3 Pereżempju, ir-rapport li wasal mill-Iżvezja jsemmi: "*Barra minn hekk, proporzjon relattivament kbir tal-akkwisti nazzjonali għandhom valuri nieqsa għall-valur tal-akkwist*." Bl-istess mod, ir-rapport li wasal mid-Danimarka jsemmi: "*Mhuwiex meħtieġ li tiġi ppubblikata offerta taħt il-limitu tal-UE jekk dik l-offerta ma jkollhiex interess transfruntier. Għalhekk, id-data għal dawn l-offerti mhijiex aċċessibbli. Mingħajr din id-data, il-valur totali tal-akkwist taħt il-limitu tal-UE jkun qarrieqi.*"

4 Pereżempju, ir-rapport li wasal mill-Finlandja jsemmi: "*Fir-rigward tal-akkwist taħt il-limitu tal-UE, il-pjattaforma ċentrali Finlandiża tal-e-Notifikazzjoni HILMA tiġbor id-data għall-valur stmat. Mhemmx data komprensiva disponibbli għall-valur tal-kuntratti mogħtija (kif mitlub fil-mudell) taħt il-limiti tal-UE għas-sena 2017.*" filwaqt li l-gvern Norveġiż ma jiġborx *data* dwar il-valur tal-akkwist ta' kuntratti mogħtija taħt il-limiti tal-UE.

B'kunsiderazzjoni tal-kwistjonijiet ta' hawn fuq li l-Istati Membri ħabbtu wiċċhom magħhom waqt il-kumpilazzjoni tad-*data*, uħud mill-indikaturi ewlenin li waslu mill-Istati Membri matul l-ewwel eżerċizzju ta' rapportar inġabru fil-qosor fit-Tabella 1 (id-*data* fit-tabella tirreferi għal sejħiet għall-kompetizzjoni, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor).

Tabella 1: L-għadd u l-valur tal-akkwist ogħla u inqas mil-limitu tal-UE fl-2017

Pajjiż	Għadd ta' proċeduri ta' akkwist		Valur tal-proċeduri ta' akkwist [miljun EUR]	
	Ogħla mil-limitu	Inqas mil-limitu	Ogħla mil-limitu	Inqas mil-limitu
L-Awstrija	Ma tressaqx rapport	Ma tressaqx rapport	Ma tressaqx rapport	Ma tressaqx rapport
Il-Belġju	m.a.	m.a.	m.a.	6,435.80
Il-Bulgarija	5,921	4,955	6,516.62	633.12
Il-Kroazja	1,370	7,413	2,730.19	2,606.68
Ċipru	262	1,490	m.a.	175.92
Ir-Repubblika Ċeka	4,486	5,758	8,546.68	2,241.13
Id-Danimarka	2,669	607	m.a.	m.a.
L-Estonja	9,005	1,369	1,700.00	800.00
Il-Finlandja	4,333	m.a.	m.a.	m.a.
Franza	144,796		83,871.00	
Il-Ġermanja	m.a.	m.a.	280,000.00	
Il-Greċja	m.a.	m.a.	m.a.	1,800.00
L-Ungerija	3,020	8,671	9,901.94	1,838.25
L-Irlanda	879	1,406	6,033.56	261.27
L-Italja	47,631	89,606	122,364.75	16,610.25
Il-Latvja	1,323	2,679	m.a.	567.59
Il-Litwanja	m.a.	m.a.	m.a.	2,117.80
Il-Lussemburgu	m.a.	965	m.a.	251.84
Malta	372	5,150	513.92	194.88
Il-Polonja	22,458	m.a.	m.a.	22,604.58
Il-Portugall	4,579	536,377	2,867.00	3,735.00
Ir-Rumanija	28,165		m.a.	3,230.45
Is-Slovakkja	1,650	26,293	m.a.	2,086.06
Is-Slovenja	1,554	5,579	2,218.34	815.31
Spanja	10,991	m.a.	m.a.	14,419.44
L-Iżvezja	7,561	10,769	72,236.48	
In-Netherlands	m.a.	m.a.	26,400.00	46,900.00
Ir-Renju Unit	Ma tressaqx rapport	Ma tressaqx rapport	Ma tressaqx rapport	Ma tressaqx rapport
L-Iżlanda	Ma tressaqx rapport	Ma tressaqx rapport	Ma tressaqx rapport	Ma tressaqx rapport
Il-Liechtenstein	Ma tressaqx rapport	Ma tressaqx rapport	Ma tressaqx rapport	Ma tressaqx rapport
In-Norveġja	4,418	5,268	m.a.	m.a.

Kummenti: Id-Danimarka – il-valur taħt il-limitu jikkonċerna biss offerti b'interess transfruntier, Franza - id-*data* hija għall-2016 u għal aktar minn EUR 90 000 biss, sakemm ma sarx rapportar volontarju, l-Ungerija – il-valuri jirreferu għall-kuntratti mogħtija, l-Irlanda – id-*data* tirreferi għal avviżi ta' għoti ta' kuntratt, l-Italja – qsim approssimattiv f'akkwist ta' oġġetti u servizzi 'l fuq mil-limitu u taħtu, abbażi tal-valur tal-kuntratt ta' inqas minn EUR 150 000, il-Lussemburgu – in-numru ta' proċeduri jirreferi għall-kuntratti mogħtija, Malta – id-*data* tirreferi għall-kuntratti mogħtija, in-Netherlands – id-*data* hija għall-2015, ir-Rumanija – il-perjodu ta' rapportar huwa mill-1.01.2017 sat-28.02.2018, is-Slovakkja – għall-akkwist taħt il-limitu tal-UE, id-*data* tirreferi għan-numru ta' kuntratti mogħtija u l-valur stmat tal-kuntratti, Spanja – il-ġbir tad-*data* ntemm fil-15 ta' Diċembru 2017, l-Iżvezja – id-*data* hija għall-2016.

Kif jista' jiġi nnotat fit-Tabella 1, l-informazzjoni ppreżentata turi diversi inkonsistenzi, li jvarjaw minn lakuni fl-informazzjoni għal rapportar aggregat (eż. l-akkwisti 'l fuq mil-limitu u taħtu huma rrapportati flimkien), jew rapportar dwar stadji differenti tal-proċess tal-akkwist pubbliku (eż. id-*data* tirreferi għal sejħiet għall-offerti minflok għal kuntratti mogħtija), u perjodi differenti. L-ipproċessar ta' tali input isir problematiku meta dan ta' hawn fuq jingħaqad ma' kwistjonijiet bħal dubji dwar il-komparabbiltà bejn l-unitajiet ta' kejl jew differenzi fil-kopertura (jiġifieri l-monitoraġġ tal-akkwist taħt il-limitu tal-UE jiddependi mil-livell tal-limiti nazzjonali, li jvarjaw b'mod sinifikanti). B'riżultat ta' dan, l-informazzjoni li waslet mill-Istati Membri ġiet ippreżentata "kif inhi", bl-inklużjoni ta' spazji riżervati għal input nieqes (anki jekk dan tal-aħħar kien parzjalment minħabba n-natura volontarja tal-ġbir tad-*data*[5]) u ma ġie kkalkolat l-ebda aggregat fil-livell tal-UE abbażi tal-informazzjoni li waslet.

F'diversi każijiet, meta d-*data* ġiet irrapportata separatament għal akkwisti 'l fuq mil-limiti u taħthom, iċ-ċifri nazzjonali għall-akkwist 'il fuq mil-limitu kienu differenti mid-*data* miġbura permezz tat-TED (Tenders Electronic Daily)[6]. Dan jista' jkun minħabba għadd ta' fatturi, bħall-integrazzjoni insuffiċjenti tat-trażmissjoni u/jew il-pubblikazzjoni tad-*data* bejn is-sistemi nazzjonali u t-TED, u għandu jiġi investigat aktar. Eżempji ta' tali diskrepanzi huma pprovduti fit-Tabella 2.

Tabella 2: Diskrepanzi bejn l-għadd ta' avviżi dwar kuntratti (CNs) u l-għotjiet ta' kuntratti (CAs) – eżempji


	2017 (2016 SE)	
Pajjiż	**CNs ippubblikati fit-TED meta mqabbla mar-Rapportar Nazzjonali**	**CAs ippubblikati fit-TED meta mqabbla mar-Rapportar Nazzjonali**
FI	87 %	93 %
HU	84 %	108 %
SE	89 %	107 %

Illustrazzjoni 1 turi s-sehem tal-akkwist 'il fuq mil-limitu tal-UE u taħtu għal ċerti Stati Membri, li pprovdew ukoll il-valur tal-akkwist pubbliku 'l fuq mil-limitu tal-UE.

Illustrazzjoni 1: Valur tal-akkwist taħt il-limitu tal-UE, meta mqabbel mal-akkwist 'il fuq mil-livell limitu tal-UE

[5] Skont l-Artikolu 85.2, l-obbligi ta' rapportar ma jirreferux għall-valur tal-akkwist pubbliku 'l fuq mil-limitu, u lanqas għan-numru ta' akkwisti.

[6] It-TED (Tenders Electronic Daily) hija l-verżjoni online tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, iddedikat għall-akkwist pubbliku Ewropew, disponibbli fuq https://ted.europa.eu/.



Il-grafika turi xejriet diverġenti bejn l-Istati Membri magħżula, li jistgħu jiġu spjegati bid-differenzi fil-livelli tal-limiti nazzjonali, kif ukoll minn diversi metodoloġiji għall-ġbir tad-*data*. Huwa interessanti li, f'xi pajjiżi (in-Netherlands u l-Portugall), l-akkwist taħt il-limitu huwa aktar importanti mill-akkwist 'il fuq mil-limitu. Dan jenfasizza l-importanza tas-swieq tal-akkwist nazzjonali, kif ukoll l-importanza tal-ġbir u l-monitoraġġ tad-*data* lil hinn mit-TED (kompitu esklussiv tal-Istati Membri).

2.2. L-aktar sorsi frekwenti ta' applikazzjoni ħażina jew ta' inċertezza tad-dritt

Din it-taqsima tiffoka fuq l-aktar sorsi frekwenti ta' applikazzjoni ħażina jew ta' inċertezza tad-dritt, inkluż problemi strutturali jew rikorrenti possibbli fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, kif irrapportati mill-Istati Membri. L-aktar problemi ġenerali li kienu identifikati ta' spiss kienu dawn li ġejjin:

- għarfien insuffiċjenti tar-regoli mill-prattikanti, speċjalment regoli li ma ġewx iċċarati mill-ġurisprudenza;
- persunal inadegwat (f'termini tal-kwalità u l-varjetà ta' profili meħtieġa), kif ukoll iż-żamma tal-persunal, speċjalment fil-livell lokali;
- nuqqas ta' ħiliet fl-akkwist u għarfien insuffiċjenti tas-suq;
- pressjoni biex jiġi żgurat riżultat speċifiku tal-proċedura mill-ġerarkija politika;
- pressjoni biex ir-riżultati jiġu żgurati malajr, li tirriżulta f'ħin iqsar għall-ippjanar u t-twettiq xierqa tal-proċedura;
- nuqqas ta' unitajiet ċentrali tal-akkwist jew appoġġ insuffiċjenti disponibbli għall-awtoritajiet żgħar u li ma għandhomx biżżejjed persunal.

Fir-rigward tal-applikazzjoni konkreta tad-dispożizzjonijiet legali mill-awtoritajiet kontraenti nazzjonali, madwar kwart tal-Istati Membri semmew il-kwistjonijiet li ġejjin:

- il-kalkolu tal-valur tal-akkwist – l-Artikolu 5: qsim artifiċjali mill-awtorità kontraenti, jew użat b'mod intenzjonat f'kuntest illegali, jew permezz ta' interpretazzjoni ħażina li tista' twassal għal qsim artifiċjali mhux intenzjonat;
- ir-raġunijiet għall-esklużjoni – l-Artikolu 57: l-użu ta' raġunijiet għall-esklużjoni mill-awtorità kontraenti għall-fini ta' favoritiżmu jew interpretazzjoni liberali żżejjed li twassal għal infurzar li ma jkunx strett biżżejjed;

- il-kriterji għall-għoti – l-Artikolu 67: diffikultà għall-awtorità kontraenti biex tfassal kriterji tal-kwalità xierqa u sinifikattivi, inklużi dawk li jinvolvu akkwist pubbliku strateġiku (ekoloġiku, soċjalment responsabbli u innovattiv) u tistabbilixxi rabta rilevanti mas-suġġett tal-akkwist.

Fl-aħħar nett, minkejja n-numru limitat ta' tweġibiet, ġew osservati b'mod frekwenti x-xejriet li ġejjin:

- preferenza mill-awtoritajiet kontraenti li jużaw l-aktar prezz baxx bħala kriterju tal-għoti, ħaġa li hija meqjusa bħala aktar sempliċi u oġġettiva; l-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità jintuża f'ammont limitat ta' każijiet, minħabba l-biża' ta' riskji fl-awditi tal-konformità;
- l-ebda jew ftit riċerka dwar is-suq minn qabel, li tirriżulta fi speċifikazzjonijiet mhux realistiċi jew skaduti;
- l-użu tal-iqsar skadenzi possibbli għas-sottomissjoni ta' offerti jew talbiet għall-parteċipazzjoni, u skadenzi qosra għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti;
- l-impożizzjoni ta' wisq kriterji ta' għażla jew l-ebda impożizzjoni ta' kriterji.

2.3. Frodi, korruzzjoni, kunflitt ta' interess u irregolaritajiet serji

Ħafna Stati Membri ddeskrivew is-soluzzjonijiet leġiżlattivi tagħhom, l-istruttura istituzzjonali tagħhom u l-miżuri tal-"liġi mhux vinkolanti" meħuda, b'ċerti statistiċi dwar il-funzjonament tas-sistema. Fil-maġġoranza tal-każijiet, il-leġiżlazzjoni u l-istituzzjonijiet ġenerali kontra l-korruzzjoni u kontra l-kollużjoni ġew stabbiliti qabel id-Direttivi. Madankollu, ir-regoli tal-UE normalment ipprovdew l-impetu biex issir enfasi speċifika fuq kwistjonijiet relatati mal-akkwist pubbliku, jekk dawn ma kinux diġà koperti.

Xi obbligi u drittijiet speċifiċi interessanti li ssemmew huma, pereżempju:

- l-obbligu li jiġu ppubblikati d-dokumenti kollha, inkluż informazzjoni dwar l-operaturi ekonomiċi;
- l-obbligu tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni li jwettqu testijiet u simulazzjonijiet tas-suq, sabiex jidentifikaw imġiba kollużiva;
- l-obbligu tal-operaturi ekonomiċi li jipprovdu *data* dwar l-istruttura tas-sjieda tagħhom;
- ħatriet obbligatorji ta' uffiċjali tal-integrità u l-istabbiliment ta' dipartimenti tal-awditjar interni fi ħdan l-awtoritajiet kontraenti.

Il-miżuri tal-"liġi mhux vinkolanti"[7] indikati fir-rapporti kienu l-aktar numeruż u wrew l-akbar koerenza bejn l-Istati Membri. Dawn jinkludu strateġiji nazzjonali kontra l-korruzzjoni, manwali u noti ta' gwida (speċjalment dwar metodi għat-twettiq ta' riċerka dwar is-suq, negozjati jew biex tiġi identifikata mġiba kollużiva), professjonalizzazzjoni, edukazzjoni u taħriġ, jew kodiċijiet ta' kondotta għall-ħaddiema taċ-ċivil (meta ma

[7] Miżuri li ma jirrappreżentawx obbligu legali strett min-naħa tal-prattikanti tal-akkwist.

jkunux stabbiliti fil-leġiżlazzjoni) u xi drabi anki għall-operaturi ekonomiċi. L-enfasi ddedikata lil miżuri mhux vinkolanti turi li l-Istati Membri huma konxji li l-attività fil-qasam tal-integrità u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni tirrikjedi mhux biss ostakli legali, iżda wkoll influwenza pożittiva fuq il-kultura amministrattiva, fuq l-imġiba u l-valuri personali.

Il-biċċa l-kbira tal-miżuri msemmija hawn fuq japplikaw *mutatis mutandis* għal kunflitt ta' interess. Hemm xi miżuri nazzjonali speċifiċi fir-rigward tal-kunflitti ta' interess:

- madwar kwart tal-Istati Membri jirrapportaw regoli aktar dettaljati dwar id-definizzjoni ta' kunflitti ta' interess minn dawk previsti mid-Direttivi. B'mod ġenerali, dawn jirrigwardaw il-kjarifika tar-rabtiet familjari u personali li fil-fatt jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' interess, kif ukoll regoli dwar il-parteċipazzjoni azzjonarja f'kumpaniji privati;
- ħafna Stati Membri jindikaw dikjarazzjonijiet dwar in-nuqqas ta' kunflitt ta' interess, l-imparzjalità u l-oġġettività, bħala miżura użata fil-livell nazzjonali. F'xi każijiet, hemm obbligu ġenerali li jiġi ddikjarat kwalunkwe kunflitt ta' interess possibbli, bl-obbligu li tiġi ppubblikata dik l-informazzjoni. B'mod ġenerali, hemm stabbiliti penali għall-ksur ta' tali regoli;
- miżuri oħrajn kienu jinkludu:
    - projbizzjoni fuq il-parteċipazzjoni simultanja f'diversi kumitati tekniċi u/jew ta' evalwazzjoni li jittrattaw l-istess proċedura ta' akkwist;
    - dispożizzjonijiet stretti li l-kuntratti li jiġu konklużi kontra r-regoli li jirregolaw il-kunflitti ta' interess huma nulli u bla effett;
    - l-obbligu għall-ħaddiema taċ-ċivil li jikkontrollaw l-akkwist pubbliku li jippreżentaw dikjarazzjonijiet regolari tal-assi.

Ir-rapporti jikkonfermaw ukoll li bħalissa l-Istati Membri qed isegwu politiki ta' prevenzjoni u ta' detezzjoni ta' kollużjoni li fil-biċċa l-kbira huma ispirati mil-linji gwida tal-OECD[8]. Il-miżuri biex tiġi miġġielda l-kollużjoni li huma komuni fl-Istati Membri jinkludu: l-elaborazzjoni u d-disseminazzjoni ta' gwida dwar l-identifikazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ, helplines diretti għar-rapportar ta' allegati każijiet, programmi ta' klemenza għall-operaturi li jressqu informazzjoni, sanzjonijiet tal-liġi kriminali għall-partijiet li jipparteċipaw f'kollużjoni, eċċ.

Jidher li, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali huma primarjament responsabbli għat-twettiq ta' tali politiki. Ir-rwol tal-awtoritajiet ċentrali tal-akkwist[9] f'dan il-qasam mhuwiex żviluppat. L-importanza li jiġu stabbiliti u/jew miżmuma mezzi ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni ċari bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, l-awtoritajiet ċentrali tal-akkwist u l-awtoritajiet kontraenti hija ġeneralment rikonoxxuta bħala element ewlieni tal-politika biex tiġi miġġielda l-kollużjoni.

[8] Ir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda Kontra t-Tbagħbis fl-Offerti fl-Akkwist Pubbliku (https://www.oecd.org/daf/competition/oecdrecommendationonfightingbidriggininpublicprocurement.htm).

[9] Hemm stabbiliti entitajiet tal-akkwist ċentralizzati fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, li huma responsabbli għall-politika dwar l-akkwist.

Ir-rapporti juru li l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' mezzi għall-valutazzjoni kwantitattiva tar-riskji ta' kollużjoni fil-proċeduri tal-għoti, l-aktar fil-forma ta' indikaturi tar-riskju, għadhom ta' sfida.

2.4. Parteċipazzjoni tal-SMEs

Id-diversità fir-rapportar u d-*data* kondiviża tagħmilha diffiċli biex tiġi mqabbla d-*data* minn pajjiżi differenti dwar il-parteċipazzjoni tal-SMEs.

Madwar tliet kwarti tal-Istati Membri pprovdew kontributi dwar ir-rapportar kwantitattiv. Madankollu, kien biss għadd limitat ta' Stati Membri li semmew b'mod espliċitu l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-SMEs fl-akkwist pubbliku. Dawn jinkludu b'mod partikolari l-piż amministrattiv, in-nuqqas ta' għarfien tas-suq tal-prodotti tal-SMEs, jew in-nuqqas ta' djalogu bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-SMEs. Sabiex dawn jiġu indirizzati, il-biċċa l-kbira tal-miżuri rrapportati huma dawk meħtieġa mid-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku (il-qsim ta' kuntratti f'lottijiet, limitu massimu tal-fatturat, eċċ.). Diversi Stati Membri jirrapportaw dwar miżuri komplementari bħal helpdesks u strutturi ta' appoġġ oħrajn, li jintroduċu moduli tal-akkwist elettroniku anki għal taħt il-limitu tal-akkwist. Ħafna mill-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-SMEs huma relatati mal-parteċipazzjoni fl-akkwist pubbliku b'mod ġenerali, filwaqt li xi rapporti kixfu wkoll ċerti sfidi li huma aktar relatati mal-ispeċifiċitajiet nazzjonali.

Ċerti Stati Membri ppreżentaw miżuri addizzjonali għal dawk inklużi fid-Direttivi biex itejbu l-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist pubbliku.

Jistgħu jiġu enfasizzati xi prattiki interessanti:

- il-gvern Netherlandiż ħeġġeġ lill-SMEs jaħdmu mal-awtoritajiet kontraenti biex jidentifikaw ir-restrizzjonijiet u żviluppa azzjonijiet konkreti biex itejjeb il-prattiki tal-akkwist pubbliku, li l-gvern ippreżenta fi Frar 2018[10];
- il-gvern Taljan nieda Uffiċċji għat-Taħriġ tal-Forniturі[11] li pprovdew taħriġ u assistenza lill-intrapriżi lokali, u b'mod partikolari lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju dwar l-użu ta' għodod elettroniċi għall-akkwist.

Xi Stati Membri, li sabu diffikultajiet biex jipprovdu d-*data*, indikaw li fil-futur biħsiebhom jistabbilixxu sistemi ta' ġbir tad-*data*.

2.5. Implimentazzjoni prattika tal-akkwist strateġiku nazzjonali

L-akkwist pubbliku strateġiku jinkludi akkwist ekoloġiku, soċjalment responsabbli u innovattiv. L-objettiv huwa li jiżdiedu l-valur miżjud u l-impatt tal-proċedura u tan-nefqa pubbliku, u b'hekk jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni effettiva tal-objettivi tal-politika ekonomika, soċjali u ambjentali fil-livelli tal-UE, nazzjonali, reġjonali u/jew lokali) u għal irkupru inklużiv, kif ukoll il-promozzjoni tat-tranżizzjoni doppja u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali.

[10] Beter Aanbesteden, 16 ta' Frar 2018.

[11] Sportelli in Rete.

2.5.1. Akkwist pubbliku ekoloġiku

L-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku (minn hawn 'il quddiem "APE") huwa ddefinit bħala "*proċess li permezz tiegħu l-awtoritajiet pubbliċi jiksbu prodotti, servizzi u xogħlijiet li jkollhom inqas impatt fuq l-ambjent matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom meta mqabbla ma' prodotti, servizzi u xogħlijiet li kieku jinkisbu u li jkollhom l-istess funzjoni primarja*"[12].

L-Istati Membri rrapportaw dwar xi sfidi ewlenin li ħabbtu wiċċhom magħhom fl-implimentazzjoni tal-APE, bħal:

- id-diffikultà li jitrawmu prattiki tal-APE minħabba n-nuqqas ta' obbligu legali għall-awtoritajiet kontraenti biex jużaw kriterji ambjentali fil-proċeduri tal-offerti;
- in-nuqqas ta' ċertezza tad-dritt dwar l-interpretazzjoni korretta tar-rekwiżit għal "rabta mas-suġġett tal-kuntratt" u l-biża' ġenerali minn litigazzjoni;
- in-nuqqas ta' *data* dwar l-effettività u l-benefiċċji ekonomiċi tal-applikazzjoni tal-kriterji tal-APE u d-diffikultà biex tiġi mmonitorjata l-applikazzjoni tagħhom;
- in-nuqqas ta' għarfien u ħiliet speċifiċi tal-ħaddiema taċ-ċivil involuti fil-proċeduri tal-offerti, il-fatt li l-APE jista' jitqies bħala ostaklu għall-kompetizzjoni, li jirrestrinġi b'mod speċifiku l-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-offerti pubbliċi.

F'ħafna Stati Membri teżisti ambigwità fir-rigward tad-definizzjoni tal-APE, peress li dawn ma ddefinewx b'mod ċar l-APE fl-ordni ġuridiku domestiku tagħhom, filwaqt li l-bqija spiss għażlu d-definizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea msemmija hawn fuq. Huwa importanti li jissemma' li l-miżuri għall-promozzjoni tal-akkwist ta' prodotti, ta' bini u ta' servizzi bi prestazzjoni għolja fl-effiċjenza enerġetika saru obbligatorji bid-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija[13], iżda ma ġewx ivvalutati b'mod speċifiku f'dan ir-rapport (lanqas mhuwa meħtieġ li jsir rapportar dwarhom skont id-Direttiva 2012/27/UE).

L-Istati Membri implimentaw l-APE fi gradi differenti. Il-fattur ewlieni huwa jekk hemmx obbligu legali għall-awtoritajiet kontraenti li jinkludu kunsiderazzjonijiet ambjentali fil-proċeduri tal-akkwist tagħhom. Madwar terz tal-Istati Membri introduċew obbligu legali għal setturi jew għal gruppi ta' prodotti speċifiċi, jew jekk il-valur tal-kuntratt ikun ogħla mil-limiti speċifikati. L-oħrajn għażlu l-inklużjoni volontarja tal-APE.

Ħafna Stati Membri rrapportaw nuqqas ta' *data* dwar l-użu tal-APE. Barra minn hekk, filwaqt li ħafna Stati Membri inkludew gwida dwar kif għandhom jiġu inkorporati l-kriterji ekoloġiċi fil-proċeduri tal-akkwist, kienu biss uħud minnhom li spjegaw kif għandhom jiġu vvalutati dawk il-kriterji fl-istadji tal-evalwazzjoni.

Eżempji ta' prattika tajba jinkludu:

- l-inklużjoni ta' kriterji jew miri obbligatorji tal-APE fil-leġiżlazzjoni settorjali nazzjonali;

[12] Komunikazzjoni (COM(2008) 400) "Akkwist pubbliku għal ambjent aħjar".

[13] Artikolu 6: Xiri minn korpi pubbliċi.

- il-ħolqien ta' librerija bi kriterji tal-APE għal prodotti u servizzi differenti, li hija disponibbli mingħajr ħlas u tinkludi kriterji differenti f'termini ta' grad ta' enfasi ambjentali;
- l-impożizzjoni ta' rapportar annwali obbligatorju dwar l-aspetti ambjentali fil-proċeduri tal-akkwist biex tiġi żgurata t-trasparenza u biex jiġi permess ġbir faċli tad-*data*;
- il-provvista ta' taħriġ dwar l-APE kemm lill-awtoritajiet kontraenti kif ukoll lin-negozji;
- l-involviment tal-aġenziji għall-protezzjoni ambjentali (jew korp ieħor li jwettaq attivitajiet simili) fl-implimentazzjoni tal-APE.

2.5.2. Akkwist pubbliku soċjalment responsabbli

L-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli (minn hawn 'il quddiem "APSR") huwa ddefinit bħala akkwist li jqis kunsiderazzjoni waħda jew diversi kunsiderazzjonijiet soċjali biex jitmexxew 'il quddiem l-objettivi soċjali. L-APSR jista' jkopri firxa wiesgħa ta' kunsiderazzjonijiet soċjali, bħal opportunitajiet ta' impjieg, kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti u konformità mad-drittijiet soċjali u tax-xogħol, inklużjoni soċjali, opportunitajiet indaqs u aċċessibbiltà.

B'mod ġenerali, il-kwalità tal-informazzjoni pprovduta ma kinitx biżżejjed għal valutazzjoni ċara u komprensiva ta' dan l-aspett tal-politika dwar l-akkwist pubbliku madwar l-Istati Membri. L-awtoritajiet nazzjonali involuti fit-tħejjija tar-rapporti xi drabi inkludew informazzjoni dwar il-liġi tax-xogħol u d-dispożizzjonijiet soċjali, mingħajr ma pprovdew rabta ċara mal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku. Barra minn hekk, il-maġġoranza tal-Istati Membri ma pprovdew l-ebda *data* dwar l-APSR.

Il-kwistjonijiet ewlenin li ġejjin issemmew mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-kriterji soċjali fl-akkwist:

- in-nuqqas ta' gwida ċara dwar l-implimentazzjoni korretta;
- diffikultajiet fil-kalkolu tal-effetti soċjali u l-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja;
- diffikultajiet fl-irbit ta' kunsiderazzjonijiet soċjali mas-suġġett ta' kuntratt;
- nuqqas ta' definizzjoni aċċettata b'mod ġenerali tal-APSR.

Madwar żewġ terzi tal-Istati Membri għandhom dispożizzjonijiet fil-liġi jew strateġiji nazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni tal-APSR. L-Istati Membri li semmew l-APSR fil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkludew kriterji preċiżi dwar l-introduzzjoni ta' kunsiderazzjonijiet soċjali fil-proċess tal-akkwist bħala speċifikazzjonijiet tekniċi, raġunijiet għall-esklużjoni, kriterji għall-għoti u kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti. Dan iwitti t-triq lejn ċertezza tad-dritt akbar dwar l-użu tal-APSR u gwida aħjar għall-awtoritajiet kontraenti meta jipparteċipaw fin-nefqa pubblika. Xi Stati Membri saħansitra għamlu pass ulterjuri u inkorporaw mekkaniżmi ta' valutazzjoni xierqa fil-liġi, ipprovdew gwidi, jew ħatru korp biex jassisti lill-awtoritajiet kontraenti fl-implimentazzjoni tal-APSR u l-evalwazzjoni tal-impatt soċjali tal-offerti.

F'dan il-kuntest, jistgħu jiġu enfasizzati xi prattiki interessanti:

- it-tfassil ta' "Ġabra ta' prattiki tajbin dwar l-akkwist pubbliku soċjali";
- l-istabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma dwar l-Aspetti Soċjali tal-Akkwist Pubbliku biex jiġu analizzati l-aspetti soċjali li jistgħu jitqiesu mill-awtoritajiet kontraenti fl-istadji differenti tal-akkwist, filwaqt li titħejja u tiġi ppubblikata wkoll gwida dettaljata;
- l-istabbiliment ta' kumitat interministerjali għall-inklużjoni ta' kriterji soċjali fl-akkwist pubbliku, bl-objettiv li tiġi żgurata l-koordinazzjoni tal-integrazzjoni ta' kriterji soċjali fl-akkwist pubbliku u fl-implimentazzjoni ta' kuntratti riżervati għal ċerti entitajiet fil-qasam soċjali;
- it-tfassil ta' kodiċi ta' kondotta għall-forniturbiex jiġi żgurat li l-prodotti u s-servizzi akkwistati jiġu fornuti skont kundizzjonijiet sostenibbli u soċjalment responsabbli.

2.5.3. Akkwist pubbliku innovattiv

Il-kwalità tar-rapportar dwar l-akkwist pubbliku tal-innovazzjoni[14] (minn hawn 'il quddiem "API") tvarja b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri. Minħabba n-nuqqas ta' *data*, diversi Stati Membri ma pprovdew l-ebda informazzjoni dwar il-miżuri meħuda biex jappoġġjaw l-API.

L-aktar ostakli komuni li jħabbtu wiċċhom magħhom l-Istati Membri spiss kienu relatati mar-riżorsi u mal-kapaċità amministrattiva meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-API, pereżempju:

- in-nuqqas ta' għarfien;
- kompetenza metodoloġika insuffiċjenti tax-xerrejja pubbliċi;
- tolleranza tar-riskju baxxa fl-infiq pubbliku;
- skarsezza jew nuqqas ta' finanzjament iddedikat għall-innovazzjoni fil-korpi pubbliċi;
- reżistenza għall-bidla li tirriżulta mill-kultura organizzazzjonali.

Il-miżuri meħuda għall-promozzjoni tal-API varjaw b'mod sinifikanti. Xi Stati Membri stabbilew miri nazzjonali speċifiċi, pereżempju sehem mill-akkwist pubbliku kollu li jenħtieġ li jkun innovattiv sa sena partikolari. Dawn il-miri kienu jvarjaw minn 2 % sa 5 %. Oħrajn adottaw strateġija jew pjan ta' azzjoni nazzjonali, eventwalment bħala parti minn strateġija usa' stabbilita fil-livell nazzjonali biex titrawwem l-innovazzjoni. Kien biss ammont żgħir ħafna ta' Stati Membri li ddeċidew li jistabbilixxu ċentri ta' kompetenza u/jew sensara li jaġixxu bħala intermedjarji bejn ix-xerrejja u l-forniturL-għan ta' dawn iċ-ċentri huwa li jiżdied l-użu strateġiku tal-akkwist pubbliku, u li jiġu offruti għarfien espert, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, it-taħriġ u l-appoġġ metodoloġiku fi proġetti speċifiċi. Madankollu, l-Istati Membri li ma stabbilewx ċentri ta' kompetenza spiss joffru taħriġ speċjalizzat dwar l-akkwist għall-innovazzjoni u linji gwida. L-istabbiliment ta' tali ċentri huwa prattika tajba, peress li dawn jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-forza tax-xogħol tal-akkwist pubbliku biex twettaq l-API.

[14] L-akkwist tal-proċess ta' innovazzjoni, bħal servizzi ta' riċerka u żvilupp, jew l-akkwist tal-eżiti tal-proċess ta' innovazzjoni.

B’mod ġenerali, id-Direttivi riveduti, u b’mod partikolari s-sħubija għall-innovazzjoni, li kienet inkluża fil-pakkett leġiżlattiv il-ġdid, huma perċepiti b’mod pożittiv fir-rigward tat-trawwim tal-API. Madankollu, żewġ Stati Membri biss irrapportaw għadd żgħir ta’ każijiet fejn intużat is-sħubija għall-innovazzjoni.

3. KONKLUŻJONIJIET ĠENERALI

B’mod kumplessiv, l-ewwel eżerċizzju ta’ rapportar ippermetta lill-partijiet involuti kollha jakkumulaw informazzjoni preċedentement mifruxa dwar l-implimentazzjoni tad-Direttivi, u pprovda għarfien utli dwar il-prattika tal-akkwist pubbliku madwar l-UE. Ir-rapporti ppreżentaw ukoll eżempji prattiċi, li jistgħu jkunu sors ta’ ispirazzjoni u ta’ kondiviżjoni tal-għarfien bejn l-awtoritajiet nazzjonali.

Bla dubju, l-ewwel eżerċizzju ta’ ġbir ta’ *data* wera li hemm ħafna lok għat-titjib, speċjalment fir-rigward tar-rapportar kwantitattiv. Barra minn hekk, implimentazzjoni aktar stretta tal-kunsiderazzjonijiet tal-akkwist strateġiku hija essenzjali għall-appoġġ ta’ rkupru inklużiv, il-promozzjoni ta’ tranżizzjoni ġusta u t-tisħiħ tar-reżiljenza soċjoekonomika f’konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala strateġija ġdida għat-tkabbir għall-UE.

Fl-aħħar nett, l-Istati Membri huma mħeġġa jqisu l-proċess ta’ rapportar kemm jista’ jkun bħala proċess konġunt, peress li fl-aħħar mill-aħħar għandu fil-mira tiegħu t-titjib tal-għarfien tagħhom dwar is-sistemi ta’ governanza rispettivi tagħhom, bl-assistenza mis-servizzi tal-Kummissjoni.